# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 6**

**Rikors numru 191/13/1 FDP**

**Frederick Catania**

**v.**

**Ta' Mattew Fish Farm Limited (C-38207)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors promotur tal-attur Frederick Catania datat 26 ta' Frar, 2013, li permezz tiegħu ntalab:

> "1. Illi r-rikorrent hu impjegat mas-soċjeta' intimata bħala għaddas (diver), u kien jagħmel xogħol taħt il-baħar fuq il-fish farms propjeta' tas-soċjeta intimata jew ġestiti minnha;
>
> 2. Illi tul iż-żmien li r-rikorrent ilu impjegat mas-soċjeta' intimata, hu kien jingħata struzzjonijiet sabiex iwettaq xogħol taħt il-baħar f'kundizzjonijiet li għalihom ma kienx jiġi pprovdut tagħmir u apparat adegwat, u l-apparat li kien jiġi pprovdut mis-soċjeta' intimata lir-

rikorrent ma kienx idoneju għax-xogħol li r-rikorrent kien jiġi ordnat sabiex iwettaq, u b'mod partikolari għall-fond li fih ir-rikorrent kien jiġi ordnat biex jinżel.

3. Illi l-ħidma tar-rikorrent f'dawn il-kundizzjonijiet perikolużi u f'dan l-unsafe working environment ipperdurat għal żmien twil, b'konsegwenza li l-ħsara f'saħħet ir-rikorrent bdiet takkumula, u bil-konsegwenza li fis-6 ta' April 2012 saħħet ir-rikorrent ċediet meta kien għadu kif lesta minn għadsa, u sofra minn spinal decompression syndrome bil-konsegwenti debilita' ta' natura permanenti fuq il-persuna tiegħu – dan kollu skont ma jirriżulta miċ-ċertifikat mediku li qed jiġi anness u mmarkat bħala Dokument A.

4. Illi wkoll meta seħħ l-episodju tas-6 ta' April 2012, ħadd mill-adetti u diriġenti tas-soċjeta' intimata ma kien imħarreġ sabiex jipprovdi first-aid f'emerġenza, u effettivament ħadd ma pprovda first-aid xierqa lir-rikorrent; illi wkoll ħadd mill-adetti u diriġenti tas-soċjeta intimata ma kien imħarreġ biex isejjaħ is-sokkors meħtieġ f'emerġenza, u fil-fatt ħadd ma sejjaħ is-sokkors meħtieġ f'dan il-każ; u s-soċjeta' intimata lanqas ipprovdiet l-apparat essenzjali biex ir-rikorrent jingħata l-first-aid meħtieġ,

5. Illi s-soċjeta' intimata hi responsabbli għad-debilita' permanenti li sofra r-rikorrent fuq il-persuna tiegħu, li seħħet unikament b'tort u ħtija tagħha minħabba nuqqas ta' diliġenza, prudenza u ħsieb, b'negliġenza u imperizja, u minħabba unsafe working practices u billi ma ġiex ipprovdut a safe working environment/safe system of work minn naħa tagħha (tas-soċjeta' intimata), li wkoll m'osservatx l-obbligi li għandha skont il-liġi versu l-impjegati tagħha bħala enti li tħaddem.

6. Illi s-soċjeta' intimata ġiet interpellata biex tersaq għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent fuq il-persuna tiegħu b'konsegwenza ta' dakollu fuq imsemmi, iżda baqgħet inadempjenti, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

7. Illi hemm ukoll rimunerazzjoni dovuta lir-rikorrent dwar l-impieg tiegħu li għadha mhux imħallsa lilu, minkejja li s-soċjeta' intimata ġiet interpellata sabiex taddivjeni għall-ħlas ta' l-istess.

Tgħid għalhekk is-soċjeta' intimata għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata hi responsabbli, għar-raġunijiet fuq premessi, għad-debilita' fiżika u permanenti li qed ibati minnha r-rikorrent fuq il-persuna tiegħu.

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minħabba din id-debilita' fiżika, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata biex tħallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.

4. Tiddikjara li s-soċjeta' intimata għandha tħallas rimunerazzjoni lir-rikorrent dwar l-impieg tiegħu.

5. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas din ir-rimunerazzjoni lir-rikorrent, bl-imgħaxijiet mid-data tal-preżentata ta' din il-kawża sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra s-soċjeta' intimata li hi nġunta għas-subizzjoni."

2. Rat illi s-soċjetà konvenuta, permezz tar-risposta ġuramentata tagħha tat-2 ta' April, 2013, ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

"1. Illi l-esponenti taqbel mal-fatti kif dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attriċi. Iżżid li l-attur huwa licensed 'diver' u ilu impjegat ma' Ta' Mattew Fishfarms sa mill-2007.

2. Illi l-fatti dikjarati fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attriċi huma kollha kontestati għaliex kompletament foloz. Il-Kumpannija kienet tipprovdi biss it-tank tal-ossigenu li kien jintuża mid-'divers' liema tankijiet huma ta' l-aqwa kwalita u mantnuti skond l-aħjar standards. Frederick Catania kien marbut bil-kuntratt li jipprovdi l-bqija tal-ekwipaġġament għad-diving tiegħu u kien jingħata allowance kull xahar biex imantni l-ekwipaġġament tiegħu. Dan kien meħtieġ ukoll għaliex Frederick Catania bħala 'licensed diver' għandu l-ekwipaġġament tiegħu u kien jogħdos anke fil-ħin liberu tiegħu. Frederick Catania dejjem iggarantixxa li l-ekwipaġġament tiegħu kien tajjeb. Fl-istess ħin il-kumpannija ma għandha ebda kontroll fuq dak li jagħmel fil-ħin liberu tiegħu.

3. Illi l-fatti dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attriċi huma kollha kontestati għaliex kompletament foloz. Filfatt ma hemm xejn perikoluż jew unsafe fix-xogħol li kien jingħata minn Ta' Mattew Fishfarms. Fi kwalunkwe każ fil-mument li seħħ is-sinistru hu kien mar kontra ordnijiet espressi tas-supervisor tiegħu billi niżel fil-fond ħafna biex jistad, ħaġa li kien jaf li ma kellux jagħmel.

4. Illi l-fatti dikjarati fir-raba' paragrafu tad-dikjarazzjoni attriċi huma kollha kontestati għaliex kompletament foloz. Jirriżulta li l-kumpannija kienet bagħtet xi impjegati u supervisors kors ta' first aids speċjalizzat b' mod partikolari biex jittrattaw il-bends. Filfatt Fredrick Catania ġie assistit mal-ewwel minn Mark Bugeja, li dak inhar kien inkarigat mill-operations u li tah l-ossiġenu immedjatament malli dan tela' fuq id-dgħajsa. Sussegwentement malli Frederick Catania ħassu mhux f' sikktu immedjatement ingħata l-għajnuna u ntbaghtet dgħajsa li tgħaġġel ħafna biex tiġbru u twasslu sa fejn kellha tiġi ambulanza. Fuq id-dgħajsa li ntbagħtet kien hemm ħaddiem ieħor li kellu liċenzja biex

jamministra l-għajnuna f' dawn is-sitwazzjonijiet. Jingħad ukoll għal kompletezza li l-ambulanza issejjħet minnufih iżda din wasslet Marsaxlokk eżattament meta waslet id-dgħajsa bi Frederick Catania fuqha. Assolutament għalhekk ma huwiex minnu li kien hemm xi nuqqasijiet fl-għajnuna li ngħatat lil Frederick u li ngħatat tempestivament.

5. Illi l-fatti dikjarati fil-ħames paragrafu tad-dikjarazzjoni attriċi huma kollha kontestati għaliex il-kumpannija attriċi ma taħtix għad-debilita li sofra Frederick Catania u dan kif ser jiġi spjegat ulterjorment u fid-dettal waqt is-smigħ tal-kawża.

6. Illi l-fatti dikjarati fis-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni attriċi huma kontestati għar-raġunijiet ġia miġjuba.

7. Illi dwar ir-remunerazzjoni jingħad li Frederick Catania mhux biss tħallas kull ma kien intitolat jitħallas skont il-ligi iżda saħansitra ingħata xi donations bon gratia tad-diretturi tal-kumpannija mhux għaliex kien ħaqqu li jingħata tali donations iżda sempliċiment bħala forma ta' karita minħabba l-bżonnijiet tal-familja tiegħu,

EĊĊEZZJONIJIET
Ta' Mattew Fishfarms għalhekk teċċepixxi li:

1. Illi l-kumpannija intimata ma hijiex responsabbli għall-inċident lamentat mir-rikorrenti u għad-danni reklamat minnu, liema inċident u danni seħħew unikament tort tar-rikorrent.

2. Illi r-rikorrent ma soffriex dannu permanenti u/jew danni fl-estent minnu reklamati.

3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom għalhekk jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent u Ta' Mattew Fishfarms Limited tirriserva minn issa li tfittex lir-rikorrent għad-danni lilha kkaġunati bil-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru liema danni inkludu malafama.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta' Marzu, 2023, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

"Tiċħad l-eċċezzjonijiet fir-risposta tas-soċjeta' intimata. Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

1. Tiddikjara li s-soċjeta' intimata Ta' Mattew Fish Farms Limited hija unikament responsabbli għad-debilita` fiżika tar-rikorrent wara l-inċident li seħħ fis-6 ta' April 2012.

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent, kemm dawk mitluba fit-tieni talba u kif ukoll dawk mitluba fir-raba' talba, fl-ammont komplessiv ta' ħames mija u erbgħa u tletin elf, mija u erbgħatax-il Euro (€534,114)

3. Tordna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrent l-ammont ta' ħames mija u erbgħa u tletin elf, mija u erbgħatax-il Euro (€534,114).

Dwar Imgħax, peress illi ma huwiex ġust li r-rikorrent ma jitħallasx imgħax fuq is-somma lilu dovuta riżultat ta' dewmien kkawżat mis-soċjeta' intimata, l-imgħax dovut għandu jkun dak dekoribbli mill-5 ta' Novembru 2015, ossija d-data meta r-rikorrent għalaq l-istadju tal-provi tiegħu, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż għall-proċedura odjerna għandha tkun a kariku tas-soċjeta' intimata."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"32. Jirriżulta li r-rikorrent kien impjegat mas-soċjeta' intimata bħala għaddas professjonista, u xogħlu kien li jagħlef it-tonn fil-gaġeġ u jiċċekkja ix-xbieki.

33. Jirriżulta li l-inċident tar-rikorrent seħħ fis-6 ta' April, 2012 u qabel seħħ l-inċident, ir-rikorrent kellu tmien snin esperjenza bħala għaddas.

34. Jirriżulta mill-ispjegazzjoni fix-xhieda tar-rikorrent, li d-distinzjoni bejn ix-xogħol preċedenti mal-Elbros u x-xogħol mas-soċjetà intimata, kien li l-volum ta' 'dives' rikjesti mis-soċjetà intimata, kienu aktar spissi. Jirriżulta wkoll li r-rikorrent kien jingħata struzzjonijiet għal 'deep diving' ta' sikwit u x-xogħol kien ikollu isir fil-fond ħafna.

35. Meta kien tela' mid-'dive' dakinhar tal-inċident, kien ingħata l-ossiġenu fuq il-barkun, u sussegwentement ittieħed fil-Hyperbaric Unit tal-Isptar, iżda dan it-traġitt ħa l-ħin u dam siegħa u nofs sakemm twassal u ttieħed hemmhekk.

36. Jirriżulta li r-rikorrent kien ikun provdut biċ-ċilindru ta' l-ossiġenu iżda mhux bit- 'tri-max', li fih aktar 'helium' milli 'nitrogen'. Fil-fatt jirriżulta mix-xhieda ta' Dr.Stephen Muscat li it-'tri-max' kien rikjest għal 'deep dives', għaliex jirriżulta li r-rikorrent kien anke jinżel sal-qiegħ sabiex jeżegwixxi ix-xogħol tiegħu.

Ikkunsidrat

37. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi r-rikorrent qiegħed, permezz tal-azzjoni preżenti, jitlob danni materjali u personali tat-tip *damnum emergens* u *lucrum cessans*, wara danni sofferti fl-inċident li seħħ fis-6 ta' April 2012. Fil-fatt, ir-rikorrent, qed isostni, li konsegwenza ta' nuqqas ta' *safe system of work* fuq il-lant tax-xogħol tiegħu, huwa qed isofri danni attwali u futuri, kif ukoll minn diżabilita` permanenti fuq il-persuna tiegħu.

38. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi s-soċjeta' intimata irrespinġiet il-pretensjonijiet tar-rikorrent billi eċċepiet li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Inoltre`, ġie eċċepit ukoll li r-rikorrent kien marbut bil-kuntratt li jipprovdi l-bqija tal-ekwipaġġament għad-diving tiegħu, u li ma kien hemm xejn perikoluż fix-xogħol li kien jingħata ir-rikorrent, u li l-kumpanija intimata ma taħtix għad-debilita` permanenti tar-rikorrent, għalhekk m'hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati.

Konsiderazzjonijiet – Responsabbilta`

39. Ir-rikorrent jisħaq illi s-soċjeta' intimata hija unikament reponsabbli għall-inċident, fejn huwa safa paralizzat miż-żewġ saqajn l-isfel, wara li huwa tela' mill-baħar ma jiflaħx b'sintomi ta' 'Bends', Neurological Decompression Sickness, u dan wara 'dive' fl-inkarigu tax-xogħol tiegħu.

40. Mil-banda l-oħra, is-soċjeta' intimata, tinnega dan, anzi issostni, li r-rikorrent ma sofriex debilita` permanenti konsegwenza tal-inkarigu tax-xogħol li ngħata mis-soċjeta' intimata, għaliex huwa kien jagħmel 'dives' bħala passatemp ukoll.

41. Il-Qorti tosserva, fl-ewwel lok, illi huwa prinċipju assodat li min jallega irid jipprova. Infatti, hija regola ġenerali, li l-piż tal-prova huwa fuq min jafferma fatt, onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat (Ara Joseph Zammit vs Joseph Hili, Vol. XXXVII-I-578.)

42. Ir-rikorrent sostna li ma kienx hemm '*safe system of work'* fuq il-lant tax-xogħol. Huwa spjega kif kien ikun imqabbad jagħmel '*deep dives'* li jirrikjedu li jinżel aktar l-isfel minn ħamsin (50) metru, huwa kien jagħmel dan billi kien provdut biss biċ-ċilindru tal-ossiġenu. F'dan il-każ, ir-rikorrent qed isostni li huwa kellu jiġi pprovdut ukoll bi '*tri-max'* li huwa sabiex jeżegwixxi d-'*deep dives'* li kellu jagħmel fl-inkarigu tax-xogħol tiegħu. Roderick Camilleri li kien '*diver'* ukoll mas-soċjetà intimata ikkonferma fix-xhieda tiegħu, li huma kien ikollhom jinżlu aktar 'l isfel minn tletin (30) u erbgħin (40) metru fond. Huwa kkonferma wkoll li ġieli kien hemm anke ħsarat fil-gaġeġ.

43. Jirriżulta illi, mill-banda l-oħra Mark Bugeja impjegat mas-soċjeta' intimata jgħid fix-xhieda tiegħu li d-'divers' kienu jgħidulhom jinżlu sa 40 metru fond u mhux hekk aktar 'l isfel sal-qiegħ. Dana l-fatt, madankollu, huwa kontradett minn dak dikjarat bil-ġurament fix-xhieda ta' Dr. Stephen Muscat, persuna ċertament mhux parti fil-

kawża u tabib espert fil-qasam tiegħu li jaħdem fl-isptar Mater Dei, fejn huwa saħaq li meta rċieva telefonata minn fuq il-barkun dakinhar tal-inċident, fis-6 ta' April 2012, intqal lilu li r-rikorrent kien għadu kif tela' minn ‘seventy one metre dive’.

44. Jingħad li dan il-fatt li jirriżulta mix-xhieda ta' Dr Muscat li dakinhar li seħħ l-inċident tar-rikorrent Dr Muscat kien ċar u sostna li fit-telefonata li rċieva biex tinfurmah dwar l-inċident huwa ġie infurmat li r-rikorrent kien għadu kif tela' minn 71 metru ‘dive’. Għalhekk, din il-Qorti ma tistax toqgħod fuq ix-xhieda ta' Raymond Bugeja li sostna li l-gaġeġ kienu fond ta' 50 metru u li r-rikorrent ma kienx rikjest jagħmel ‘dives’ fil-fond.

45. Dwar il-logs eżebiti mis-soċjetà intimata fol 178 tal-proċess, jirriżulta li dawn il-logs kienu jintlew mis-soċjetà intimata stess u għalhekk l-informazzjoni hemm imniżżla ma tistax titqies bħala attendibbli. Di fatti, fir-rigward tar-rikorrent, jirriżulta mil-logs li f'Marzu huwa għodos 5 darbiet u f'April sad-data tal-inċident kien għodos darbtejn. Il-Qorti illi tali logs ma jnaqqsu xejn mill-obbligu tas-soċjeta' intimata illi tassikura is-sigurtà tal-ħaddiema tagħha fuq il-post tax-xogħol.

46. Għaldaqstant fid-dawl tax-xhieda sinjifikanti u ferm importanti ta' Dr. Stephen Muscat mogħtija fis-6 ta' Novembru 2013, din il-Qorti tqis li, kif sostna l-istess rikorrent, huwa kien inkarigat u rikjest li jagħmel ‘*deep dives*’ u, dakinhar tal-inċident tar-rikorrent, huwa kien f’‘*dive*’ ta' 71 metru. Jingħad ukoll illi Dr. Stephen Muscat ikkonferma li min ċempillu dakinhar tal-inċident biex jinfurmah li Frederick kien b’sintomi ta’ ‘*bends*’ kien infurmah fuq it-telefon li kien tela’ minn ‘dive’ ta’ 71 metru.

47. Fil-każ in eżami, ix-xhieda ta’ Dr. Stephen Muscat hija ta’ rilevanza kbira, fejn spjega sewwa ħafna il-kwistjoni taċ-ċilindru u l-ossiġenu:

> *“Aħna ngħidulu ossiġenu li huwa ħażin fiċ-ċilindru ikun hemm arja kkompressata arja bħalma qed nieħdu hawn barra konna qed ngħidu illi meta bniedem jogħdos bl-arja r-rakkomandazzjoni hija illi bniedem ma jaqbiżx 50 metru. Mhux qed ngħid li jien qatt ma qbiżt, taf per eżempju jew li ħafna ‘divers’ ma jaqbżuhiex imma trid tieħu ħafna aktar prekawzjonijiet, qisek bil-Malti meta inti bniedem ittih parir bniedem li jsuq bil-ħamsin mil fis-siegħa u bniedem jista’ isuq bis-sebgħin imma trid toqgħod aktar attent għax aktar għandek riskji. Tista’ inti ma tużax l-arja biex tkun iktar safe. Fil-fatt min jogħdos aktar fil-fond per eżempju min irid jagħmel ‘dive’ ta' 100m jew 80 metru jew 70 biex ikun aktar luċidu hemm min juża it-‘tri-max’ fih aktar helium minflok nitrogen il-għaliex in-nitroġen meta taqa' f'dak il-fond għandu l-effett malli taqbeż it-tletin metru in-nitrogen jiġi qisu ħadt l-alkoħol narcotic ħafna gassijiet jagħmluha allura inti jekk għandek ‘diver’ li qed jirraġuna fil-wiċċ fil-qiegħ jista' jkun li ma jkunx qed jirraġuna perfett tkun hemm xi ħaġa ovvja li ma jirraġunahiex u jista' jagħmel żbalji .....*

*Issa fit-tletin metru u f' 40 metru 'diver' ta' esperjenza bħali u bħal Frederick mija fil-mija ikun kapaċi jadatta għalih anke 50 metru ikun qed jirraġuna mhux ħażin imma one se li tkun biss dak il-fond il-ġisem il-moħħ jisslowja .....*

*Konna qed ngħidu għalxiex min jinżel fil-fond juża it-'tri-max' l-aktar raġuni għalxiex jużawh hija din li qed ngħidu illi l-moħħ jirraġuna ħafna aktar luċidu għax imbagħad għandu l-iżvantaġġi tiegħu ukoll jiġifieri tiksaħ iktar bih pereżempju. Imma din li l-moħħ jirraġuna aktar hija tajba u importanti ħafna jiġifieri hija biżżejjed biex dak li jkun juża xorta għandek ir-riskji tiegħu.*

*Jiġifieri jista' jkollok decompression sickness xorta il-fatt li qed tużaha imminimizza tipi ta' inċidenti oħrajn imma xorta jista' jkollok jiġifieri trid tagħmel id-"decompression stops."*

48. Dr. Stephen Muscat spjega ukoll, fix-xhieda tiegħu, li hemm differenza bejn '*sports dive'* u '*dive'* fuq xogħol, għaliex meta bniedem qed jogħdos għax-xogħol, anke jekk fil-baxx, huwa jdaħħal aktar nitrogen fis-sistema tal-arja.

49. Dr Muscat sostna wkoll li, referibbilment għal l-'istops' li wieħed suppost jagħmel waqt li qed jogħdos, anke kieku dak inhar li seħħ l-inċident f' '*dive*' ta' 71 metru huwa ma għamilx l-istops neċessarji, fl-opinjoni medika tiegħu ir-rikorrent xorta ma kellux jitla' paralizzat. Għalhekk Dr. Stephen Muscat ikkonkluda li r-rikorrent sofra l-fatt illi kellu '*hits*' ta' '*dives*' preċedenti. Dana jikkontraddixxi l-allegazzjoni tas-soċjetà intimata fejn qed tittenta tinkolpa lir-rikorrent billi issostni li l-inċident seħħ konsegwenza tan-negliġenza tiegħu billi tgħid li m'għamilx il-waqfiet neċessarji.

50. Inoltre`, s-soċjetà intimata qed issostni li r-rikorrent kien ukoll jagħmel '*sport dive'* fid-delizzju tiegħu. Madankollu, Dr Muscat xehed dwar id-distinzjoni ta' 'sport dive' u 'dive' fuq ix-xogħol fejn jispjega li f' '*dive*' fuq ix-xogħol, persuna jkollha ddaħħal fis-sistema tal-arja tagħha aktar nitrogen.

51. Huwa imperattiv li jiġi kkunsidrat dak li ngħad minn Dr. Stephen Spiteri fix-xhieda tiegħu, fejn spjega li jrid ikun hemm struttura fil-lant tax-xogħol, fejn persuna tkun qed timmonterja li l-kollox qed isir sew. F'dan ir-rigward Dr. Stephen Muscat ikkonferma hekk:

"*Ir-rakkomandazzjoni hija 50 metru fi sport diving. Issa meta bniedem qed jaħdem mhux sports diving, dak jiġi xogħol jiġifieri hemm suppost sett ta' regoli differenti meta bniedem qed jaħdem suppost għandek struttura biex tipproteġieh s'intendi.......................*

*Jekk inti qed taħdem trid lil xi ħadd li qed jimmoniterja li inti qed tagħmel l-affarijiet sew number 1!!!.........................................*

*Jiġifieri barra minn Malta kullimkien u anki ċerta postijiet hawn Malta, ikun hemm dak li jgħidulu 'diving supervisor'. 'Diving supervisor' x'inhu xogħolu? Is-supervisor jilloggja d-'dives' u jara li inti għamilt fejn inżilt*

*kemm inżilt fond, u li ħallejt ħin bejn 'dive' u oħra li ma taqbiżx b'hekk ta' numru ta' 'dives' f'ġurnata dak huwa xogħol ta' diving supervisor.........................................*

*Jien ma kellimni ħadd bħala diving supervisor u ma ssemmieli qatt imma jien ma kontx fuq il-post tax-xogħol."*

52. Jirriżulta mix-xhieda ta' Dr. Stephen Muscat, li jaħdem fil-Hyperbaric Unit, li kkonferma li kien hemm dewmien esaġerat sakemm ir-rikorrent wasal fil-Hyperbaric Unit, meta huwa dejjem jinsisti li huwa ferm important li f'każijiet bħal dawn il-pazjent jasal fil-Hyperbaric unit mill-aktar fis. Fil-fatt huwa ikkonferma li mill-11.30a.m. minn meta rċieva t-telefon minn fuq il-barkun sa ma l-pazjent wasal l-isptar fil-Hyperbaric Unit kienu fis-1.00p.m. Fix-xhieda tiegħu Dr. Stephen Muscat qal hekk:

*"Għax aktar ma jgħaddi ż-żmien meta jkun diġà tela' paralizzat diġà kważi tard ħafna imma aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar is-sitwazzjoni tista' ma tfejjaqhiex, biex niftehmu. Jiġifieri dawn il-każi dejjem huma ta' emerġenza fil-fatt l-istaff tiegħi kull meta nċemplilhom dejjem nippretendi li jidħlu hi f'għaxar minuti għandhom il-beckon fuq is-saqaf, għandhom is-sirena, jekk xi darba tara xi karozza għaddejja b' xi beckon aħdar fuqha għax dawn kollha emerġenza gravi jkunu. Aktar u aktar f'każ bħal dan u niftakar li mill-pixxina tlajt mill-ewwel l-isptar jien kull ma hemm ftit minuti, tliet minuti , erba' minuti, kont qed nistennieh u x'ħin għaddiet nofs siegħa u għadu ma tfaċċa ħadd ċempiltilhom jiena fuq il-mobile li ċempluli. Qaluli aħna deħlin lura bil-barkun u ħadtha bi kbira ħafna qatt ilhom deħlin bil-barkun każ bħal dak!! Għidtilhom speċi jiena qed nippretendi li diġà qegħdin mat-triq bil-karozza s'issa u sirt naf li kienu qegħdin xi 8 mili il barra kif qaluli li niftakar u fil-fatt hekk ktibt hawn, u anyway, biex ma ntawwalx il-pazjent wasal minn 11.30am. wasal għandi fis-siegħa(1.00p.m.).............. jien naf li għamilt plejtu imma kbir fuqha li kemm jista' jkun jivvintaw sistema ta' trasport urġenti għax dawk każijiet urġenti hux imma kont għamiltilhom diġà ċara fl-ewwel telefonata."*

53. Minn din ix-xhieda ta' Dr. Stephen Muscat, jidher li meta r-rikorrent tela' lura mill-għaddsa b'sintomi li kien ma jiflaħx, ma kienx hemm '*safe system of work*' li tipproteġi lir-rikorrent bħala impjegat tas-soċjeta intimata. Jirriżulta wkoll li ma kienx hemm struttura u sistema '*standard'* maħsuba sabiex f'każ ta' emerġenza jkun hemm traġitt spedjanti u sigur lejn l-isptar. Fil-fatt jirriżulta, li fil-każ in eżami, it-traġitt lura lejn l-art sar fuq barkun u mhux bid-dgħajsa għalhekk jidher li ma kienx hemm struttura sigura organizzata u maħsuba għal każijiet ta' emerġenza bħal dan.

54. Inoltre` jirriżulta li meta r-rikorrent tela' mid-'*dive*' bis-sintomi li kellu, huwa ma ngħatax l-ossiġenu mill-ewwel u kif suppost. dan għaliex kellu jiġi amministrat lilu ossiġenu pur u mhux l-ossiġenu li ngħata minn dawk li kienu fuq il-barkun. Dan il-fatt ġie spjegat ukoll fix-xhieda ta' Dr Muscat bħala mediku espert f'dan is-settur. Għaldaqstant, mir-riżultanzi fattwali, jirriżulta li kien hemm nuqqas ta' tħaris ta' regoli u strutturi ta' '*first aid*' għal dawn iċ-ċirkostanzi

partikolari, f'inċident bħal dak tar-rikorrent. Jirriżulta wkoll, mill-provi li s-soċjetà intimata ma kellhiex tagħmir ieħor essenzjali sabiex tipprovdi għal saħħet l-impjegati f'inċidenti bħal dawn.

55. Mir-rapport tal-esperti mediċi mqabbda mill-Qorti, jirriżulta li, konsegwenza tal-inċident li sofra r-rikorrent fis-sitta (6) ta' April 2012, huwa baqa' paralizzat u sofra Neurological Decompression Sickness li effettwatlu l-moviment ta' riġlejh it-tnejn. Mir-rapport tal-esperti irriżulta li r-rikorrent għandu diżabilità fiżika permanenti ta' 75% u m'għandux diżabilità psikoloġika.

56. L-Artikolu 1045(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> "*Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha…hija t-telf effetiv li l-għemil tagħha jkun iġib direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'il quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib.*"

57. Minn din id-disposizzjoni tal-liġi, jirriżulta ċar, li jeħtieġ ness ta' kawża u effett ma' l-att jew ommissjoni u l-effett dirett fuq min qed jirreklama danni sofferti.

58. Ir-rikorrent jirreferi għal dan in-ness bejn il-kawża u effett billi rrefera, anke fil-premessi, li qed isofri minn diżabilita` permanenti konsegwenza tal-inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol fis-6 ta' April 2012, fejn huwa kien qed jeżegwixxi xogħolu bħala għaddas mas-soċjeta' intimata.

59. Din il-Qorti, wara li kkunsidrat il-provi kollha prodotti, tqis li n-ness ta' kawża u effett fuq deskritt ġie ben ppruvat għas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti. Di fatti, jirriżulta ben ippruvat illi kien biss dakinhar tas-sitta (6) ta' April 2012, waqt li r-rikorrent kien qed jaqdi xogħlu għas-soċjeta' intimata, li hu baqa' paralizzat konsegwenza ta' 'dive' ta' 71 metru fl-inkarigu tax-xogħol tiegħu.

60. Is-soċjeta' intimata tipprova tiddefendi ruħha billi tgħid li kien l-obbligu tar-rikorrent skond il-kuntratt ta' impjieg tiegħu li jipprovdi l-istess ossiġenu u dak li jirrikjedi għall-eżekuzzjoni tax-xogħol tiegħu. Għal dan il-għan, il-Qorti kienet tippretendi li s-soċjeta' intimata tippreżenta xi tip ta' kuntratt sabiex tikkorrobora dak minnha dikjarat. Madanakollu, minkejja li l-kawża ħadet għaxar snin sabiex tasal għal sentenza finali, is-soċjeta' intimata QATT ma eżebiet xi kuntratt ta' impieg ta' din ix-xorta li jistipula li l-għaddas kellu jipprovdi t-tagħmir u ċ-ċilindri ta' l-ossiġenu hu. Għalhekk, l-argument tas-soċjetà intimata ma jreġġix, u dana anke in vista tal-fatt illi huwa proprju l-obbligu ta' min iħaddem li jassigura li l-lant tax-xogħol ikun post sigur u li jkun hemm struttura ta' '*safe system of work'.*

61. Għandu jingħad li r-rikorrent, fl-affidavit tiegħu, ikkonferma li huwa kien impjegat mas-soċjetà intimata, liema soċjetà kienu jieħdu ħsieb li jipprovdu lill-għaddasa kollha, ossija kemm lilu kif ukoll lill-għaddasa l-oħra, biċ-ċilindri tal-ossiġenu, kif ukoll kienu jieħdu ħsieb li jipprovdu l-mili ta' l-istess cilindri. Ir-rikorrent jisħaq li dan kien isir a spejjeż tal-istess soċjetà intimata.

62. Il-Qorti hawnhekk tirrileva illi hija qabbdet lil Dr. Josanne Aquilina u Dr. Anton Grech bħala Esperti tagħha, sabiex jeżaminaw is-sitwazzjoni fiżika u psikjatrika tar-rikorrent u jivverifikaw jekk attwalment sofriex minn diżabilita` permanenti, u jekk iva jistabilixxu kemm.

63. Jirriżulta li fir-rapport tagħhom, li l-abbli esperti mediċi ikkonkludew li Frederick Catania qed isosfri minn diżabilita` permanenti fiżika ta' ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) u saru s-segwenti osservazzjonijiet taħt it-titolu Djanjosi Klinika:

> "*Mill-istorja meħuda minn Mister Catania u mid-dokumenti tal-isptar Mater Dei jirriżulta li Mister Catania sofra minn Neurological Decompression Sickness ta' l-ispina toraċi bejn il-livelli T2-T5 u li ħalliet lil Mister Catania paraliżi ta' riġlejh it-tnejn (spastic paraplegia) huwa jbati minn dwejjaq reattiv għas-sitwazzjoni diffiċli tiegħu pero m'għandux mard psikjatriku serju jew permanenti."*
>
> *Evalwazzjoni tar-rata ta' diżabilità permanenti*
>
> *"Ir-rata ta' diżabilita ta' Mister Catania hija ta':*
>
> > *Spastic paraplegia: 75% (referenza għall-ktieb Emendi fil-Liġi Dwar Danni Ċivili maħruġ mill-Ministru tal-Ġustizzja u Intern (2010) paġna 20).*
>
> *Huwa m'għandux diżabilita` psikjatrika permanenti.*"

64. Din il-Qorti tqis illi ma tara ebda raġuni għaliex ma tistrieħx fuq il-konklużjonijiet tal-abbli esperti tagħha, u għalhekk tikkonkludi li d-diżabilita` permamenti ta' Frederick Catania, riżultat tal-inċident li ġara fis-6 ta' April 2012, huwa ta' ħamsa u sebgħin fil-mija (75%).

Danni

65. Jirriżulta li r-rikorrent qed jippretendi kumpens għal danni sofferti, liema danni jridu jiġu likwidati minn din il-Qorti, fejn ir-rikorrent qed jirreklama *damnum emergens* dwar il-ħames xhur l-isptar li għamel rikoverat hemmhekk fl-isptar wara l-inċident in kwistjoni. Fil-fatt wara dan l-inċident u wara dawn ix-xhur fl-isptar, ġie kkonfermat mit-tobba li r-rikorrent ma jistax jidħol lura għax-xogħol.

66. Huwa paċifiku li l-likwidazzjoni tad-danni għandha sseħħ fuq żewġ binarji; id-danni attwalment sofferti ('damnum emergens') u

dawk id-danni kawża l-inkapaċita` ikkaġunata 'lucrum cessans' kif provdut mill-Artikolu 1045 tal-Kap 16.

67. Ikkunsidrat, li l-perjodu ta' ħames xhur l-isptar, li għamel ir-rikorrent wara li seħħ l-inċident fis-sena 2012, ser jiġu komputati fil-kalkolu ta' lucrum cessans fil-komputazzjoni tal-paga li huwa kien jipperċepixxi.

68. Għalhekk, din il-Qorti ser tipproċedi bil-komputazzjoni tad-danni *lucrum cessans*.

Lucrum Cessans

69. Jirriżulta, kif intqal fis-sentenza Emmeline Cini vs Antoine Cachia, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2013, il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċita`, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li sofra l-persuna li sofra t-telf. Tali kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant iżda hija regolata minn ċerti prinċipji, għakemm mhux assoluti.

70. Fil-każ Malcolm Cumbo vs Malta Freeport Terminals Ltd deċiża mill-Prim' Awla fit-30 ta' Ġunju 2016, il-Qorti stabbiliet:

> *"Illi f'dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid isir fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġa minn dakinhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċita` għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ."*

71. Jirriżulta wkoll illi fil-kawża Paul Debono vs Malta Drydocks deċiża mill-Prim Awla fis-27 ta' April 2015 ġie ritenut:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hija ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta' qligħ futuri minħabba l-inkapaċita`. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjanti ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, pero` il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Entita tad-Dħul:

72. Jirriżulta li r-rikorrent meta seħħ l-inċident, kellu wieħed u tletin (31) sena, u kien jaħdem ma' Ta' Mattew Fish Farms Limited.

73. Jirriżulta li fis-sena 2009, ir-rikorrent qala' introjtu ta' € 25,317.44 kif ikkonferma ir-rikorrent stess fl-affidavit tiegħu. Fl-

affidavit tiegħu, ir-rikorrent kompla jirreferi għal dħul li huwa kien jipperċepixxi sussegwentement, li jindika li kien ogħla minn dak fuq imsemmi, fejn jirreferi għal nota ippreżentata minnu fl-atti tar-rikors numru 201/12 FS għar-revoka ta' Mandat ta' Sekwestru numru 270/13. Tali atti ma humiex a konoxxenza ta' dina l-Qorti, u għalhekk din il-Qorti ser toqgħod fuq il-provi f'dawn l-atti, stante li dawn l-atti għar-revoka ta' Mandat mhumiex annessi u eżebiti f'dawn l-atti

74. Għaldaqstant, il-Qorti ser tikkonsidra id-dħul ta' Frederick Catania fl-ammont ta' € 25,317.44 fis-sena.

75. Dwar konsiderazzjonijiet fuq l-għoli tal-ħajja, jirriżulta illi fil-każ Stephen Cardona vs John Mary Fenech deċiża mill-Prim' Awla fid-9 ta' Frar 2012, kien ġie deċiż illi:

> "*Il-Qorti qed takkorda ukoll żieda ta' €300 fis-sena, ir-relazzjoni mal-awment tal-paga għall-għoli tal-ħajja."*

76. Din il-Qorti taqbel li tali ammont ta' €300 fis-sena għandu jitqies ukoll għall-għoli tal-ħajja fil-każ odjern.

Multiplier

77. Fil-każ Joseph Zammit vs Joseph Bonello, deċiża mill-Qorti Ċivili Prim' Awla fil-25 ta' Frar 2016, ġew stabbiliti prinċipji li l-Qorti tħoss li għandha tibbaża fuqhom meta tiġi biex tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili bħal tal-każ odjern:

> *"Illi tali regoli ġew supplementati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija 'Michael Butler vs Peter Christopher Heard' (Appell 22.12.1967), li tat l-oriġini għal hekk imsejħa 'multiplier system', li pero` ġiet aġġustata għaż-żminijiet reċenti peress li, kif intqal fil-kawża 'Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et' (Appell 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna inbidlu konsiderevolment u l-ammont li qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu. Għalhekk, il-Qrati Tagħna irritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbilit mil-liġi - 'Savona vs Asphar', Appell (23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilta`. Inoltre`, d-danneġġatt jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-realta` (Francis Sultana vs John Micallef et noe et, Appell 20.07.1994).*

78. Fis-sentenza fl-ismijiet Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Marzu 1986 intqal is-segwenti:

*"In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettativa tal-ħajja in ġenerali tad-denneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni iċ-chances and changes of life.*

*Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqisx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirrintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa ma' l-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."*

79. Jirriżulta, li fil-każ in eżami, r-rikorrent Frederick Catania kellu wieħed u tletin (31) sena meta sofra l-inċident, u persuna jieqaf bil-pensjoni ta' wieħed u sittin (61) sena.

80. Għaldaqstant, huwa ġust u verosimili li ħamsa u għoxrin sena (25) huwa perjodu ġust li għandu ikun applikabbli bħala multiplier.

Kalkolu finali

81. Ikkunsidrat il-kalkoli u konsiderazzjonijiet kollha kif fuq magħmula, għandu jirriżulta:

a. L-introjtu ta' Frederick Catania jammonta għal madwar €25,317.44

b. L-għoli tal-ħajja għandu jkun ta' €300 fis-sena.

c. Il-multiplier għandu jkun ta' 25 sena.

82. Jirriżulta għalhekk, illi l-ammont li għandu jkun ikkunsidrat għal lucrum cessans għandu jkun l-medja maħdum fuq l-introjtu tar-rikorrent fis-sena 2009, ossija <u>€25,317.44</u> u fuq l-introjtu previst ħamsa u għoxrin sena oħra, biż-żieda tal-għoli tal-ħajja ta' €300 kull sena, liema żieda tammonta komplessivament għal €7,500, li flimkien mal-introjtu ta' 2009 jagħmel total ta' €32,817.44, liema medja hija ta' ghalhekk ta' €29.067.44, ossija €25,317.44 + €32,817.44 diviz fin-nofs.

83. Jirriżulta, għalhekk li l-introitu medju ghandu jitqies illi huwa ta' €29.067.44.

Tnaqqis

84. Fil-każ Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 1995, il-Qorti rriteniet:

*"Fir-rigward tar-riduzzjoni għal lump sum payment il-Qorti…jidhrilha li…ma għandu jsir ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal lump sum payment jekk ma jkunux għaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perjodu allura għandu jsir tnaaqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data*."

85. Fil-każ Joseph Agius vs All Services Ltd deċiża mill-Prim' Awla fit-2 ta' Ġunju 2005, ingħad hekk:

"*F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (lump sum payment) lill-benefiċċjarji. Jekk id-deċiżjoni, pero, tkun ser tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hija l-prattika li l-persentaġġ tat-tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."*

86. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tosserva illi dwar it-tnaqqis in vista tal-ħlas f'daqqa, il-Qorti tosserva li l-kawża ilha pendenti għaxar minn meta ġiet ippreżentata, ilha ħdax-il sena mid-data tal-inċident li seħħ fl-2012. Din l-kawża tħalliet għas-sentenza fis-6 ta' Lulju 2022. Għalhekk bil-kalkolu ta' tnaqqis għal kull sena li ddum il-kawża oltre` sentejn, it-tnaqqis għalhekk għandu jkun ta' 2%.

Somma dovuta

87. Ikkunsidrati l-fatti kif fuq diskussi, is-somma kif likwidata bħala *lucrum cessans* hija:

- €29.067.44 x 25 sena = €726,686

- €726,686 x 75% diżabilita` = €545,014.50

- €545,014.50 x tnaqqis ta' 2% bħala lump sum payment = €10,900.29

- €545,014.50 naqqas €10,900.29 = €534,114.21

Il-Qorti ser tirrotonda tali ammont għal sitt mija u tlett elef Ewro €534,114 għall-finijiet ta' prattiċita`.

88. Għalhekk, is-somma totali dovuta lir-rikorrent bħala danni hija ta' €534,114."

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Ta' Mattew Fish Farms Limited, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tal-14 ta' Marzu, 2023, u tgħaddi sabiex tiddeċiedi

finalment din il-kawża, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

6. Rat ir-risposta tal-appell ta' Frederick Catania, li permezz tagħha talab lil din il-Qorti tiċħad l-appell tas-soċjetà appellanti mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Marzu, 2023, fl-ismijiet premessi u dan fl-intier tiegħu u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellanti.

7. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi l-appell tas-soċjetà konvenuta jissejjes fuq tliet aggravji prinċipali li huma:

(I) L-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni fuq il-bażi ta' konsiderazzjonijiet li huma kontradetti mill-evidenza li kellha

quddiemha, jew li saħanistra ma jirriżultawx mill-atti. Dawn il-konsiderazzjonijiet żbaljati jinkludu:

(a) li l-gaġġa kienet fonda madwar 71 metru u li l-attur kien jiġi mitlub regolarment li jinżel fond ta' 71 metru;

(b) li dakinhar tal-inċident r-rikorrent kien ġie mitlub li jagħmel "*deep dive*" ta' 71 metru;

(c) li l-kumpanija intimata naqset milli tipprovdi *a safe working environment,* billi ma pprovdietx tagħmir xieraq u ma kinitx tipprovdi ossiġnu adegwat għall-fond li kien jinżel fih l-attur;

(d) li meta seħħ l-inċident ma ġietx magħżula l-iqsar rotta biex jitwassal l-art ir-rikorrent.

(II) L-Ewwel Qorti kellha tapplika l-prinċipju li kull impjegat għandu l-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed jitwettaq (Art. 7(1) tal-Kap. 424). Kif jirriżulta mil-liġi u mill-ġurisprudenza, l-impjegat għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu (Art. 7(2) tal-Kap. 424) u għandu joqgħod lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod attent f'kull ħin għal dak li jkun qiegħed jagħmel. L-inċident seħħ għaliex l-attur konxjament ħa sogru u aġixxa

negliġentement b'mod grossolan meta għażel minn jeddu li jinżel f'fond ta' wieħed u sebgħin metru għal raġunijiet li għadhom mhumiex ċari sal-lum.

(III) L-aħħar aggravju jitratta l-komputazzjoni tad-danni *lucrum cessans* u l-impożizzjoni ta' imgħaxijiet kontra l-appellanti.

10. L-attur iwieġeb għall-aggravji billi jitratta l-ewwel żewġ aggravji f'daqqa meta jingħad minnu li safejn l-appell jitratta l-apprezzament żbaljat tal-fatti, ir-regola hija li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun twettaq mill-Ewwel Qorti u li f'kull każ l-apprezzament imwettaq mill-Ewwel Qorti kien wieħed xieraq u korrett. In kwantu għar-responsabbiltà tal-appellat, tisħaq li kien hemm diversi nuqqasijiet da parti tas-soċjetà konvenuta li għalihom jixraq li tinstab responsabbli għall-akkadut. Fir-rigward tal-komputazzjoni tad-danni u l-imgħaxijiet, l-attur ifisser għala fil-fehma tiegħu l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija waħda tajba u għandha tiġi kkonfermata.

11. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, safejn l-aggravju tal-kumpanija konvenuta appellanti jissejjes fuq l-apprezzament tal-provi da parti tal-Ewwel Qorti, kif ingħad drabi oħra, ir-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn Qorti tal-ewwel grad, jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jew meta jintwera li dak l-apprezzament ikun wieħed irraġonevoli, jew jinsab kontradett mill-fatti

riżultanti mill-proċess (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Josephine Agius v. Piju Theuma**). Madankollu, huwa minnu wkoll li: "*il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-Ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabbilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*" (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2023 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Grech et v. Nazzareno Grech**).

12. Dan il-każ jitratta inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol, fejn mhuwiex kontestat li l-attur spiċċa jsofri minn diżabilità ta' natura permanenti. Il-punt prinċipali in kontestazzjoni bejn il-kontendenti fil-kawża huwa jekk l-inċident seħħx nuqqas tas-soċjetà konvenuta li kellha l-obbligu li tipprovdi ambjent tax-xogħol sigur, kif ukoll li ma kinitx tipprovdi tagħmir u taħriġ għax-xogħol li kellu jwettaq l-attur, kif ukoll jekk

ipprovdietx l-aħjar assistenza meħtieġa fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jew kienx l-attur li bl-aġir tiegħu kkawża l-istess inċident. Ikun utli li ssir referenza għall-ġurisprudenza li ssawwar il-prinċipji legali marbuta ma' din it-tema qabel ma jiġu trattati l-aggravji tas-soċjetà konvenuta appellanti.

13. Kif ingħad minn din il-Qorti tal-25 ta' Frar, 2021, fl-ismijiet **Geoffrey Tanti v. Panta Contracting Limited** li kien jitratta każ bħal dak tal-lum, fejn kien hemm mistħarrġa wkoll ir-responsabbiltajiet kemm ta' min iħaddem kif ukoll tal-impjegat:

> *"21. Fejn jidħlu inċidenti fuq il-post tax-xogħol, meta persuna tkorri waqt li tkun qiegħda twettaq il-qadi ta' dmirijietha, il-prova tar-responsabbiltà ta' dak li ġara xorta taqa' fuq min ikun weġġa (l-attur). Il-fatt waħdu li persuna tkorri fuq il-post tax-xogħol, ma jfissirx li min iħaddem għandu bilfors iġorr ir-responsabbiltà għal dak li ġara, jew li l-persuna li korriet teħles mill-ħtieġa li tipprova l-allegazzjoni tagħha. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-soċjetà appellata Panta Contracting Limited li f'dan il-kamp m'għandux jiġi adoperat il-kunċett ta' strict liability. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' April, 2009 fil-kawza fl-ismijiet Felix Xerri v. Beechwood Limited.) Dana peress li, il-prinċipju jibqa' li min jallega jrid jipprova. Dak li jrid jipprova l-attur appellant, huwa n-ness li dak li seħħ, kien konsegwenza ta' xi aġir jew xi nuqqas ta' min iħaddem jew tas-soċjetà li kien qiegħed jaħdem fil-proprjetà tagħha u li dak li ġara ma jkunx konsegwenza ta' aġir jew nuqqas tiegħu stess.*
>
> *22. Tajjeb tiġi enfasizzata r-regola ġenerali f'dan il-qasam li, min iħaddem irid jipprovdi a safe system of work. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Marzu, 2009, fil-kawża fl-ismijiet George Cardona et v. Ferdinando sive Randu Zammit et). Hemm grad għoli ta' responsabbiltà fuq min iħaddem, tant li da parti tiegħu għandu jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Fil-verità, fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, tapplika wkoll liġi speċjali li tirregola d-dmirijiet u l-obbligi kemm ta' min iħaddem, kif ukoll tal-ħaddiem (Att dwar l-Awtorità ghas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol – Kap. 424). Fost id-dmirijiet li l-liġi titfa' fuq min iħaddem insibu l-piż li jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiġu identifikati u evalwati r-riskji, kif ukoll li jittieħdu l-miżuri meħtieġa li jitnaqqsu dawk ir-riskji (Artikolu 6(2) tal-Kap. 424), kif ukoll id-dmir tal-għoti tat-tagħrif, tagħlim u taħriġ*

*meħtieġ, kif ukoll superviżjoni sabiex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (Artikolu 6 (3) tal-Kap. 424).*

*23. Min-naħa l-oħra, il-grad għoli ta' responsabbiltà ta' min iħaddem, ma jeħlisx lill-ħaddiem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Artikolu 7(1) tal-Kap. 424) jew milli jikkoopera ma' min iħaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (Artikolu 7(2) tal-Kap. 424). Hekk ukoll jitqies li ħaddiem għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għal riskju bla bżonn u li joqgħod attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. Huwa ritenut li ħaddiem li jonqos milli joqgħod għall-istruzzjonijiet li jkun tah, jew għall-prekawzjonijiet li jkun fetaħlu għajnejh għalihom min iħaddem, għandu jbati l-konsegwenzi li jgarrab. Hekk ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 2009, fil-kawża fl-ismijiet Peter Ronald v. Polibon Construction Limited:*

> *"Huwa minnu li d-datur tax-xogħol għandu obbligu li jħares l-inkolumità tal-impjegati tiegħu u dana billi jipprovdi dak li jissejjaħ 'a safe system of work' kif ukoll 'a safe place of work'. Għandu wkoll jaċċerta ruħu li l-impjegati tiegħu jkunu mħarrġa sew dwar ix-xogħol li jkunu mistennija li jagħmlu. Però daqstant għandhom obbligu dawk l-istess impjegati li, fl-interess tagħhom stess, fl-ewwel lok jobdu dawk l-istruzzjonijiet li jkunu gew mogħtija lilhom mill-employer u inoltre jaġixxu b'mod dettat mis-sens komun, sabiex jassiguraw l-inkolumità tagħhom."*
>
> *..."L-attenzjoni meħtieġa mis-soċjetà konvenuta hija dik ta' bonus pater familias u mhux fi grad ogħla, u ladarba jirriżulta li kien hemm sorveljanza kontinwa u li kienet ingħatat l-ordni speċifika biex ma jiġux ezegwiti dawk ix-xogħlijiet li eventwalment wasslu għall-inċident, l-istess soċjetà konvenuta ssodisfat dan l-obbligu tagħha u konsegwentement ma tistax tinsab responsabbli għall-akkadut billi l-attur iddiżobbedixxa ordni espressa tad-datur tax-xogħol tiegħu".*

14. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, ser jiġi trattat l-ewwel aggravju li bażikament jindirizza l-kweżit dwar ir-responsabbiltà tas-soċjetà konvenuta appellanti għall-inċident li fih weġġa' l-attur appellat. Wara li din il-Qorti eżaminat mill-ġdid il-provi in atti, setgħet taċċerta ruħha li mhuwiex kontestat li l-inċident li ġarrab l-attur seħħ wara li nhar is-6 ta' April, 2012, huwa flimkien ma' mpjegat ieħor, Roderick Camilleri, wara li ħarġu bil-barkun madwar seba' mili 'l barra mill-kosta ta' Malta, kienu ngħataw struzzjonijiet mill-Kaptan Mark Bugeja sabiex jinżlu f'fond ta'

madwar tletin metru sabiex jassiguraw li l-gaġġa tat-tonn ma kienx fiha toqob u sabiex jagħlfu l-ħut ta' ġol-*farm*. Jinsab aċċertat ukoll li, dakinhar tal-inċident l-attur, kif ukoll Camilleri niżlu bil-*harpoon* sabiex ladarba jinżlu, jkunu jistgħu jistadu. Jinsab assodat ukoll li dakinhar ma kinux ingħataw struzzjonijiet jinżlu fil-fond, iżda minn jeddhom niżlu fil-fond sabiex jaqbdu xi ħuta (ara fol. 115). Jidher li skont ma xehed Camilleri, raw xi oġġett (li baqa' ma ġiex identifikat) f'qiegħ il-baħar u marru għalih (ara fol. 331). Huma u telgħin lura għall-wiċċ, għamlu numru ta' waqfiet sabiex issir id-*decompression* meħtieġa u jinsistu li mxew skont il-ħin indikat lilhom mill-*computer* personali tagħhom għal dan il-għan.

15. L-attur tela' ftit minuti qabel Camilleri (li kien jonqsu jagħlef il-ħut) iżda mal-ewwel ħass il-*wetsuit* issikata miegħu u x'ħin ilmenta dwar dan, il-Kaptan bagħtu jinħasel. Hekk kif inħasel, l-attur ħass saqajh mingħajr saħħa u ċedewlu. F'dan l-istadju il-Kaptan ġie nfurmat li kienu niżlu madwar sebgħin metru fond u b'hekk intebaħ b'dak li seta' ġara, li l-attur kien qiegħed ibati minn dak li jissejjaħ bħala *bends.* Għalhekk ordna li l-attur jingħata l-ossiġnu u sar kuntatt ma' Dr. Stephen Muscat mill-*Hyperbaric Unit* li saħaq sabiex mill-aktar fis, l-attur jiddaħħal l-Isptar. Meta sar kuntatt ma' Direttur tas-soċjetà konvenuta, il-Kaptan ingħata struzzjonijiet jidħol lura Marsaxlokk u peress li kienu deħlin lura bil-barkun, kien ser jintbagħat *dinghy* sabiex jitħaffef it-traġitt lejn l-Isptar. Madankollu l-attur dam madwar siegħa u nofs sabiex jiddaħħal l-Isptar.

16. Minkejja numru ta' sigħat fil-*Hyperbaric Chamber* u numru ta' xhur terapija u konvalexxenza, l-attur ġarrab debilità permanenti, fejn sofra paraliżi ta' riġlejh it-tnejn (*spastic paraplegia)*. Il-periti mediċi maħtura mill-Ewwel Qorti aċċertaw li l-attur qiegħed isofri minn *Neurological Decompression Sickness (Bends)* u għalkemm ibati wkoll minn dwejjaq, però m'għandux diżabilità psikjatrika permanenti. Kwindi l-periti mediċi stabbilew debilità permanenti ta' 75% - perċentwal ma ġiex kontestat bl-ebda mod.

17. Relevanti ferm għall-każ in eżami hija x-xhieda tas-6 ta' Novembru, 2013, ta' Dr. Stephen Muscat, li apparti li jaħdem fil-*Hyperbaric Unit,* għandu numru ta' snin esperjenza jogħdos, li minnha jirriżultaw diversi fatturi importanti:

- Kif daħlet it-telefonata dakinhar tal-inċident, mal-ewwel fehem il-gravità tas-sitwazzjoni u għamel premura li l-attur kellu jiddaħħal l-isptar b'urġenza, peress li l-ħin kien fattur essenzjali fuq il-kura li tista' tingħata. X'ħin għaddiet nofs siegħa u ra li kienu għadhom ma waslux ħadha bi kbira u ċemplilhom lura, iżda l-pazjent dam siegħa u nofs sabiex jasal l-isptar, peress li kien jinsab diversi mili 'l barra. Jikkonċedi li fil-każ tal-attur, li spiċċa paralizzat minn saqajh ftit wara li tela' mill-baħar, anke li kieku kellu *chamber* fil-post, xorta ma kienx jirkupra mija fil-mija;

- Kif daħal il-pazjent seta' jikkostata li kien paralizzat mill-*isternum* 'l isfel u li allura kellu każ ta' *spinal cord compression sickness* li jiddeskriviha bħala marda li tiżviluppa fil-ġisem ta' bugħaddas li jinżel f'ċertu tip ta' fond fil-baħar, hekk kif ċertu gassijiet jinġemgħu fil-ġisem tal-bniedem li jkun meħtieġ li jitla' lura fil-wiċċ wara li jagħmel numru ta' waqfiet (aktar minn dawk li probabbli għamel l-attur) altrimenti jirriżulta uġigħ u tinqata' ċ-ċirkolazzjoni għas-sinsla u ssir il-ħsara permanenti.

- Fejn l-għads ma jaqbiżx il-ħamsin metru, tiġi wżata arja kkompressata, mentri meta min jogħdos f'fond akbar, bħal dak ta' sebgħin metru, ikun għaqli li jintuża *tri-mix* fejn minkejja li bih tiksaħ aktar, ikun hemm aktar *helium* milli *nitrogen* sabiex il-bugħaddas jibqa' luċidu u jevita li jagħmel żbalji fid-deċiżjonijiet li jieħu u għalhekk jiġu minimizzati l-inċidenti.

- Meta bniedem ikun qiegħed jaħdem f'dan il-qasam, jeħtieġ li jaħdem fi struttura fejn ikun hemm superviżjoni xierqa permezz ta' *diving supervisor,* li jilloggja l-għadis li jagħmlu l-ħaddiema, fejn jinżlu l-ħaddiema u kemm niżlu fil-fond, kemm għadda ħin bejn għadsa u oħra, sabiex jiġi assigurat li jkun għadda ħin biżżejjed. Is-*surface interval* iservi sabiex il-ġisem ineħħi n-nitroġenu li jinġabar fil-ġisem tal-bniedem, l-aktar meta jsir l-għadis ta' ċertu fond. Is-*supervisor* għandu jara l-*computer* tal-bugħaddasa sabiex jaċċerta ruħu li dawn ikunu niżlu fil-fond li jkunu ġew ordnati jinżlu (per eżempju tletin metru) u mhux fil-

fond (ta' sebgħin jew mitt metru) u jekk jinżlu fil-fond aktar milli suppost, jittieħdu miżuri sabiex l-bugħaddas idum aktar sa ma jerġa' jinżel lura fl-ilma. Il-bugħaddas għandu wkoll responsabbiltà lejh innifsu. Jista' jkun hemm persuna oħra addetta li tagħmel dan ix-xogħol ta' superviżjoni, iżda f'dan il-każ, ħadd ma resaq 'il quddiem ikellmu li kellu dan ir-rwol.

- Mill-informazzjoni li ngħata mill-attur wara li ġie rikoverat, fil-fehma tiegħu seba' minuti ma kinux biżżejjed bħala waqfa u minkejja li l-attur fil-kawża xehed li għamel aktar ħin wieqaf qabel ma tela' fil-wiċċ, il-fatt li l-attur spiċċa b'saqajh ipparalizzati ftit wara li tela' mill-baħar, hija indikazzjoni ċara li l-attur qabel dan l-inċident kellu diversi "*hits".* Dan ifisser li mill-għads fil-fond l-attur kien qiegħed ikollu episodji oħra fejn wara li jogħdos ikollu xi tnemnim jew uġigħ li ma jinnutax, jew ma jitkellimx dwaru, jew ma jagħtix każ u tkun qiegħda ssir ħsara fis-*spinal cord.*

- Bħala l-ewwel għajnuna li tista' tingħata lill-għaddas huwa l-ossiġnu pur, li għalkemm mhuwiex trattament definittiv jgħin, dan jingħata permezz ta' maskra li tkun issikkata mal-wiċċ li jkollha "*demand valve*", fejn jingħalaq l-imnieħer u jingħata l-arja skont kemm jiġbed il-pazjent.

- F'dan il-każ, inqala' xi disgwid dwar minn fejn l-ambulanza kellha tiġbor lill-pazjent. Ma jafx min informa lil tal-ambulanza sabiex tmur Marsaxlokk, jekk hux membri tal-*crew* jew ħaddieħor, l-ambulanza tmur fejn tiġi mitluba, iżda tagħmel sens li tmur fl-aktar moll viċin. Huwa ta struzzjonijiet lil tal-ambulanza sabiex tmur dritt għal *Hyperbaric Unit* u mhux fl-emerġenza tal-isptar.

18. Għalkemm din il-Qorti tifhem li l-gaġġa (forma ta' ċilindru ta' madwar erbgħin metru fond) ma tasalx sal-qiegħ tal-baħar, jinsab assodat li ċ-ċimi, ħbula u *moorings* sabiex jiġu ankrati dawn l-istess gaġeġ, ikunu f'baħar fejn il-qiegħ ikun ġeneralment bejn sittin u tmenin metru fond. Apparti mix-xhieda tal-attur, jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Camilleri li kien hemm diversi okkażjonijiet fejn ingħataw struzzjonijiet mis-superjuri jinżlu f'fond ta' tmenin metru u kien hemm okkażjonijiet fejn niżlu f'dak il-fond minn jeddhom (ara fol. 115). Mill-kontroeżami ta' Camilleri jirriżulta li kien ikun hemm okkażjonijiet fejn jingħataw struzzjonijiet sabiex jinżlu fil-fond sabiex jorbtu l-ħbula, jew meta jkun hemm xi ħsara fil-*fish farm* (ara fol. 330 u 340) jew sabiex jiġbru xi ħaġa li tkun waqgħet fil-qiegħ. Saħansitra kien ġie offrut lilhom *bonus* sabiex jinżlu isfel sal-qiegħ. Dan jinsab ikkonfermat ukoll minn Joseph Cini, li wkoll kien impjegat bħala bugħaddas mas-soċjetà konvenuta u li jispjega li ġieli ngħata struzzjonijiet jinżel f'fond ta' aktar minn erbgħin metru għax-xogħol li kien ikun meħtieġ, sa fond ta' tmenin metru bħal meta tinqata' xi mażra tal-gaġġa, u dan aktar minn darba. Kien jobdi sabiex jibża' għal xogħlu. Ġieli

kien intalab mis-sid ukoll li jogħdos mill-ġdid wara għadsa, mingħajr ma jitħalla l-ħin meħtieġ ta' mistrieħ bejn għadsa u oħra (fol. 118 u 119).

19. Filwaqt li l-*Operations Manager* ta' dak iż-żmien Mark Bugeja (li kien kemm il-Kaptan tal-barkun, kif ukoll għaddas) isostni li huwa ma kienx kontra li l-bugħaddasa jniżżlu l-*harpoon* sabiex jistadu sakemm dan isir qrib il-wiċċ u sabiex iservi ta' protezzjoni għalihom (minn ħut kbir), isostni li l-uniku għadis fejn l-bugħaddasa kellhom jinżlu f'ċertu fond kien darbtejn fis-sena sabiex jinbidlu l-ħbula tal-moll (fol. 171). In kontroeżami, l-Kaptan jixhed li ġieli bagħat lill-impjegati jbiddlu l-mażra (fol. 296) iżda mhux aktar minn fond ta' erbgħin metru, peress li sabiex isiru xogħlijiet fil-qiegħ isostni li kienu jitqabbdu nies apposta (fol. 297) u li meta kien isir jaf li l-ħaddiema kienu jinżlu sal-qiegħ kien jagħtihom *warnings,* fosthom jingħad li ngħata wieħed lill-attur. Raymond Bugeja, wieħed mid-Diretturi tas-soċjetà konvenuta jixhed li l-bugħaddasa ma setgħux jgħoddsu fil-ħin tax-xogħol għal affarijiet jew skopijiet li mhumiex relatati max-xogħol (ara fol. 177) u jiċħad li kien jibgħat lill-bugħaddasa fil-fond sabiex jispezzjonaw il-*moorings* (fol. 259) peress li fi kliemu *"ma tagħmilx sens*" (fol. 255). Fid-dawl tax-xhieda tal-impjegati, din il-verżjoni qajla titwemmen.

20. Għalkemm huwa minnu li Dr. Muscat ġie nfurmat li l-attur kien niżel sal fond ta' wieħed u sebgħin metru, daqstant ieħor huwa minnu li dakinhar tal-inċident l-attur ma tqabbadx jinżel f'dak il-fond mis-superjuri

tiegħu. Dan il-fatt waħdu u fih innifsu ma jeżonerax lis-soċjetà konvenuta appellanti mill-akkadut. Minkejja l-fatt li l-gaġeġ kienu jinstabu f'fond ta' bejn erbgħin u ħamsin metru, din il-Qorti, tinsab konvinta li kien hemm okkażjonijiet fejn l-attur tqabbad mis-soċjetà konvenuta sabiex jinżel f'fond ta' sebgħin metru u dan sabiex jew jaċċerta li l-ktajjen kienu marbuta sew, jew sabiex jagħmel xi tiswijiet fil-mażra, jew sabiex jiġbor affarijiet li jkunu waqgħu f'qiegħ il-baħar u mhux kif tikkontendi s-soċjetà konvenuta, li l-attur kien qiegħed jogħdos f'dak il-fond regolarment fil-privat. Dan kollu jinsab ikkonfermat mit-tliet bugħaddasa li kienu mpjegati mis-soċjetà konvenuta. Iżda lil hinn minn dan il-fatt, hemm numru ta' fatturi oħra li għandhom jitqiesu fir-rigward tar-responsabbiltà tas-soċjetà konvenuta li tipprovdi *a safe working environment/ a safe system of work.*

21. Kif ġustament osservat mill-Ewwel Qorti huwa prinċipju assodat li min jallega f'dan il-każ irid jipprova u dak li jrid jipprova l-attur f'kawża ta' danni, huwa n-ness li dak li seħħ, kien konsegwenza ta' xi aġir jew xi nuqqas ta' min iħaddem u li dak li ġara ma jkunx konsegwenza ta' aġir jew nuqqas tiegħu stess.

22. Mentri f'kawżi ta' danni fejn ikorri ħaddiem fuq il-post tax-xogħol, jirriżultaw applikabbli l-provvedimenti tal-liġi ġenerali, jiġifieri li l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili fejn jingħad li "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu", liema ħtija tinkombi fuq min "ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja"* (Artikolu 1032(1) tal-

Kap.16), jew li jkun għamel jew naqas li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi (Artikolu 1033). Inoltre, fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, tapplika liġi speċjali (Kap. 464) li tirregola d-dmirijiet u l-obbligi kemm ta' min iħaddem, kif ukoll tal-ħaddiem. Mentri kif ingħad fis-sentenza ċitata qabel ta' **Tanti v. Panta Contracting Limited,** fost id-dmirijiet li l-liġi titfa' fuq min iħaddem insibu l-piż li jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiġu identifikati u evalwati r-riskji, li jittieħdu l-miżuri meħtieġa, li jitnaqqsu dawk ir-riskji (Artikolu 6(2)), kif ukoll id-dmir tal-għoti tat-tagħrif, tagħlim u taħriġ meħtieġ, kif ukoll superviżjoni sabiex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (Artikolu 6(3)). Dawn id-dmirijiet iġorru magħhom grad għoli ta' responsabbiltà fuq min iħaddem, li fuqu jaqa' l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi timponi fuqu fir-rigward.

23. Fil-każ in eżami ma jirriżultax li s-soċjetà konvenuta identifikat xi riskji jew għamlet xi valutazzjoni tar-riskji marbuta max-xogħol tal-bugħaddasa tagħha. Kien ikun utli per eżempju li, fost ir-riskji li setgħu jiġu individwati kien dak dwar liema kienet l-eqreb rotta mill-*fish farm* għall-moll l-aktar viċin sabiex f'każ ta' emerġenza tkun tista' tintbagħat ambulanza f'dak il-moll. Il-fatt li jkun ġie identifikat moll simili minn qabel, mhux biss ifisser li jiġi ffrankat ħin li jista' jaf ikun tassew prezzjuż, iżda li jiġi evitat ukoll li tittieħed deċiżjoni f'mument ta' paniku li tista' tiswa ħafna għal dak il-pazjent li jkun ġarrab xi inċident simili għal dak tal-attur. Dan apparti li, kien ikun ukoll xieraq li jiġi identifikat l-aktar mezz xieraq ta'

trasport sabiex it-traġitt mill-*fish farm* għall-art isir fl-iqsar ħin possibbli, ladarba skont ix-xhieda ta' espert fil-qasam, il-fattur ta' żmien jaf ikun daqstant importanti fil-kura u l-fejqan ta' għaddas li jsib ruħu f'diffikultajiet simili. Għalkemm huwa minnu li s-soċjetà konvenuta bagħtet *dinghy* sabiex jiltaqa' mal-barkun, kunsidrat li t-traġitt għall-isptar dam siegħa u nofs, din il-Qorti mhix konvinta li ġie adoperat l-aħjar mezz ta' trasport, jew l-aktar mezz effiċjenti sabiex l-attur twassal l-isptar fl-iqsar ħin possibbli, kunsidrata l-qagħda tiegħu. Inoltre, kuntrarjament għal dak li jingħad mill-appellanti, mid-dokument esebit in atti jirriżulta assodat li, fejn il-pazjent li jkun qiegħed isofri minn *bends*, u jkun konxju, fis-sens li ma jkunx mitluf minn sensih, huwa rakkomandat li jiġi provdut "*100% $O_2$ via non-breather face mask for the conscious patient*" u li jintuża "*demand valve $O_2$ device*" (ara fol. 80). Hekk ukoll, kien ikun utli li apparti t-taħriġ relattiv, ikun hemm xi sinjaletika dwar it-tip ta' maskra li trid tintuża f'każijiet simili, sabiex f'sitwazzjonijiet ta' paniku tiġi evitata l-possibilità li tittieħed deċiżjoni żbaljata dwar liema maskra kellha tintuża.

24. Fost id-dmirijiet l-oħra li hemm elenkati fil-liġi hemm dak li jittieħdu l-miżuri meħtieġa li jitnaqqsu dawk ir-riskji. Kien meħtieġ li jiġi identifikat *supervisor,* mentri mix-xhieda fl-atti hemm konfużjoni sħiħa dwar min kellu dan ir-rwol. Għalkemm il-fatt innifsu li ttieħdu l-*logs* mis-soċjetà konvenuta m'għandhomx jitqiesu inattendibbli, sempliċement peress li ttieħdu mill-istess appellanti, kif irriżulta mill-provi, dawn il-*logs* tas-soċjetà konvenuta kienu limitati għall-ġranet fejn il-ħaddiema jintalbu li jmorru

għall-għadsa. Mentri Mark Bugeja xehed li kien iżomm xi notamenti partikolari fuq djarju li kellu – dan ma ġiex esebit in atti. Kien ikun utli li l-*logs* li jinżammu mis-soċjetà konvenuta jkun fihom aktar dettalji, kif spjegat estensivament mit-tabib Stephen Muscat, jiġifieri, fejn niżlu l-bugħaddasa, f'liema fond niżlu u kemm għadda ħin bejn għadsa u oħra, dettalji li huma kollha neqsin mil-*logs* tas-soċjetà konvenuta. Hekk ukoll, jitqies importanti li peress li l-*computers* li jintużaw mill-bugħaddasa jkunu proprjetà tagħhom, li jkun hemm kundizzjoni fil-kuntratt ta' impjieg li jobbliga lill-ħaddiem li juri lis-*supervisor* il-*computer* sabiex tingħata l-informazzjoni meħtieġa u li jittieħdu deċiżjonijiet infurmati fir-rigward. Għalkemm jingħad li ttieħdu passi fil-konfront tal-attur li proprju naqas milli juri l-*computer* tiegħu, din it-twissija li jingħad saret bil-miktub ma ġietx esebita in atti. Apparti l-okkażjonijiet fejn kienu l-istess diriġenti tas-soċjetà konvenuta li kienu jordnaw lill-impjegati jinżlu fil-fond ta' tmenin metru, kien hemm laxkezza kbira dwar dak li tħallew jagħmlu l-impjegati tas-soċjetà konvenuta, tant li jitqies li ma kienx hemm superviżjoni adegwata dwar il-fond li fih effetivament kienu jinżlu l-istess impjegati.

25. Dmir ieħor ta' min iħaddem huwa l-għoti tat-tagħrif, tagħlim u taħriġ meħtieġ. L-uniku kors li jirriżulta li ngħata lil uħud mill-impjegati tas-soċjetà konvenuta kien dak tal-ewwel għajnuna. Ma jirriżultax li l-attur qatt ingħata xi taħriġ kemm dam impjegat mas-soċjetà konvenuta. Minkejja li din il-Qorti tinsab konvinta li l-impjegati kienu jingħataw struzzjonijiet sabiex jgħoddsu f'fond ta' aktar minn erbgħin metru, (meta

l-għaddasa kollha jirriżulta li kellhom liċenzja sabiex jgħoddsu sa fond ta' madwar erbgħin metru (ara fol. 114,118 u 151) u ma kinux liċenzjati sabiex jagħmlu *deep dives* li għalihom jinħtieġ taħriġ speċjalizzat u tip ta' liċenzja oħra) la jirriżulta li ngħataw xi taħriġ fir-rigward, la jirriżulta li kien hemm xi linji gwida dwar l-aħjar prattiċi li jiġu adottati fil-qasam relattiv għall-impjieg tagħhom, u lanqas li kienu jiġu adottati prattiċi sabiex ikollhom il-mistrieħ meħtieġ sabiex ix-xogħol tagħhom jitwettaq bl-aktar mod sigur u lanqas jirriżulta li ngħataw ċilindri speċjali bl-arja msejħa *tri-mix* meta jkollhom jgħoddsu fil-fond aktar min-normal. Hekk ukoll, lanqas jirriżulta li ngħata tagħlim lill-impjegati dwar kif isir *decompression* xieraq wara li dawn jitqabbdu jgħoddsu fil-fond. Dan kollu seta' wassal għal attitudni bierda da parti tal-impjegati dwar il-perikli marbuta max-xogħol tagħhom, speċjalment meta jinżlu f'fond li jeċċedi l-erbgħin metru. Dawn huma kollha nuqqasijiet fl-operat tas-soċjetà konvenuta li din il-Qorti setgħet tislet wara li xtarret il-provi fl-atti, li minnhom tinsab sodisfatta min-ness bejn l-aġir negliġenti tas-soċjetà konvenuta u l-konsegwenzi li ġarrab l-attur fid-deterjorament ta' saħħtu.

26. Għalkemm l-attur spiċċa korra definittivament wara li niżel minn rajh waqt il-ħin tax-xogħol f'fond ta' sebgħin metru nhar is-6 ta' April, 2012, dan kien riżultat ta' aġir negliġenti, li kien faċiltat mill-istess soċjetà konvenuta, fuq medda ta' żmien li ma wżatx il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja meħtieġ minnha. Isegwi li minkejja li din il-Qorti qieset mill-ġdid il-provi in atti, din il-Qorti ma tqisx li sar xi

apprezzament ħażin tal-provi da parti tal-Ewwel Qorti u għalhekk isegwi li l-ewwel aggravju ma jimmeritax li jiġi milqugħ.

27. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju, jiġifieri jekk l-inċident seħħx għaliex l-attur konxjement poġġa lilu nnifsu f'periklu meta ħa sogru u aġixxa negliġentement, għażel minn jeddu li jinżel f'fond ta' wieħed u sebgħin metru u mar kontra l-ordnijiet li ngħatawlu, u għamel inqas *decompression time* milli effettivament kien meħtieġ. Għalhekk ġab id-diżabilità li sofra minnha b'idejh u dan skont il-prinċipju ta' *volenti non fit injuria.*

28. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti ta' **Tanti v. Panta Contracting Limited** et, ċitata qabel:

> *"il-ligi trid li fejn il-parti danneggjata tkun hija stess li kkontribwiet ghad-danni b'nuqqas ta' prudenza jew ta' hsieb, jew kellha sehem ghal dik il-hsara li hija garrbet, il-Qorti hija moghtija diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat lok ghal dik il-hsara li hija batiet. Dan igib mieghu tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun dovut lill-impjegat li huwa stess ikun ikkontribwixxa ghal dak li gralu. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta' April, 2017, fil-kawza fl-ismijiet Maurice Fenech et pro et noe v. Jacksons Company Limited et:*
>
> *...meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li volenti non fit iniuria; ...*
>
> *Huwa meqjus li meta mpjegat jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li l-hila tieghu u s-sengha fix-xoghol li jkun tqabbad jaghmel imisshom inebbhuh li jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda bis-sens komun u jqieghed lilu nnifsu fil-perikolu, jew hsara ghalih innifsu, ghandu jwiegeb huwa wkoll ghal-hsara li jkun garrab. (Ara f'dan is-*

> *sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru, 2001, fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Micallef et v. John Pisani noe et noe). Isegwi li tirrizulta l-kontributorjetà tal-attur appellant ghall-incident li huwa garrab u ghandu jittiehed qies ta' dan il-fattur meta ssir il-likwidazzjoni tad-danni."*

(Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' Diċembru, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited** u dik tat-30 ta' Novembru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet **Crocefissa sive Christine Abela pro et noe v. Valletta Gateway Terminals et**.)

29. Din il-Qorti ssib li r-raġunament tas-soċjetà konvenuta appellanti mressaq fl-appell tagħha fil-konfront tal-kontributorjetà tal-attur appellat għandu mis-sewwa, tal-inqas f'parti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt li l-attur għamel għażla dik li minn jeddu jinżel fil-fond ta' sebgħin metru fil-baħar meta dan la kien ordnat lilu mis-superjuri tiegħu u lanqas jirriżulta li kien hemm xi ħtieġa li jagħmel dan, ifisser li huwa poġġa lilu nnifsu f'għajn il-periklu bla bżonn. Kunsidrat l-esperjenza li l-istess attur kellu bħala bugħaddas, din tgħabbi lill-attur appellat bir-responsabbiltà fis-sens li messu kien jaf aħjar. Dan jingħad minħabba l-fatt li l-attur kellu jkun aktar konsapevoli tar-riskji li huwa kien ser jidħol fihom meta għażel li jinżel f'qiegħ il-baħar mingħajr ma' kellu għad-dispożizzjoni tiegħu t-*tri-mix* u l-ħtieġa li jagħmel il-proċedura ta' *decompression* xieraq kunsidrat il-fond li niżel fih.

30. Ġustament, it-tabib Muscat xehed ukoll li l-bugħaddas għandu wkoll responsabbiltà lejh innifsu u jidħol f'ċertu dettall tal-kawtela meħtieġa minn bugħaddas meta jiġi biex jagħmel għadsa f'dak il-fond, aktar u aktar meta jiġi biex jitla' lura, li jagħmel il-waqfiet meħtieġa sabiex jingħata żmien biżżejjed u l-ġisem ikollu ċ-ċans li n-nitroġenu assorbit, li jkun ta' periklu għalih, jiġi ċirkolat lura barra l-ġisem. Fin-nuqqas li tiġi esebita d-*data* mill-*computer* tal-attur, din il-Qorti hija aktar propensa li temmen il-verżjoni mogħtija mill-attur lit-tabib *a tempo vergine* ftit wara l-inċident, li huwa qatta' biss madwar disa' minuti *decompression* (ara Dok. S2 a fol.55), milli dak li jingħad minnu fl-affidavit fil-mori ta' din il-kawża wara li qagħad jaħsibha dwar kif kellha titwettaq id-*decompression* meħtieġa. Din il-Qorti tinsab konvinta wkoll li din ma kinitx l-ewwel darba li l-attur niżel f'dak il-fond, meta ma kellu ebda ordni minn ta' fuqu jew ħtieġa marbuta max-xogħol li jinżel f'dak il-fond. Wara kollox, kif spjegat mit-tabib Muscat, dak li ġara lill-attur huwa indikattiv li huwa kellu problema eżistenti, li kellu "*previous hits*" li wasslu għas-sitwazzjoni li fiha ppreċipita l-attur dakinhar tas-6 ta' April, 2012. Għalkemm din il-Qorti ma tistax tistabbilixxi kemm-il darba l-attur għodos fil-fond tal-baħar fuq l-ordni tas-soċjetà konvenuta u kemm-il darba għamel dan minn rajh, jiġi ribadit li fil-fehma tagħha l-aġir tas-soċjetà konvenuta wasslet għall-attitudni tal-ħaddiema tagħha sabiex jieħdu b'ċertu leġġerezza l-perikli marbuta mal-għads fil-fond imwettaq bħala parti mix-xogħol assenjat lilhom. Isegwi li għalkemm jitqies xieraq li parti mit-tort tal-inċident u d-diżabilità li ġarrab l-attur hija attribwibbli f'parti għall-aġir tiegħu nnifsu,

meta naqas li jadotta l-kawtela meħtieġa li l-esperjenza tiegħu fiċ-ċirkostanzi kellha tiddetta, jonqos li jiġi determinat il-grad ta' responsabbiltà tal-kontendenti fil-kawża.

31. Stabbilit il-fatt li kien hemm element ta' kontributorjetà da parti tal-attur għall-inċident in eżami, filwaqt li huwa minnu li fejn tirriżulta ħtija kontributorja, huwa mħolli f'idejn il-Qorti sabiex tistabbilixxi ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-proporzjon tar-responsabbiltà, kif ukoll fejn ikun hemm inċertezza, din tinqasam b'mod ugwali, f'dan il-każ jitqies li kien hemm in-nuqqasijiet min-naħa tas-soċjetà konvenuta appellanti li kienu ħafna aktar gravi (kif riżultanti minn paragrafi 23 sa 25 ta' din is-sentenza) min-nuqqas da parti tal-istess attur. Kwindi m'hemmx lok li tiġi applikata l-ispartizzjoni ugwali bejn is-socjetà konvenuta u l-attur, peress li m'għandu jkun hemm ebda inċertezza dwar in-nuqqasijiet grossolani da parti tas-soċjetà konvenuta, li naqset bil-kbir fil-konfront tal-ħaddiema bugħaddasa nkarigati minnha. Isegwi li kellu jkun hemm temperament fil-proporzjon tar-responsabbiltà akkollata lis-soċjetà konvenuta, sabiex tirrifletti aħjar ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħha u tal-attur. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenzi ta' din il-Qorti tas-16 ta' Diċembru, 2019, fil-kawża fl-ismijiet **Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited,** dik tas-17 ta' Marzu, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **George Baldacchino v. Malta Freeport Terminals Limited** u dik tat-30 ta' Marzu, 2022 fil-kawża fl-ismijiet **Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited**).

32. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li kien ikun aktar xieraq li jiġi deċiż li l-attur għandu jġorr parti mir-responsabbiltà għall-akkadut u dan fil-perċentwal ta' 30%, filwaqt li l-bqija tar-responsabbiltà fil-grad ta' 70% tiġi addebitata lis-soċjetà konvenuta, sabiex tirrifletti aħjar in-nuqqasijiet rispettivi tagħhom, hekk kif riskontrati qabel. Għalhekk dan it-tieni aggravju tas-soċjetà konvenuta appellanti qiegħed jiġi parzjalment milqugħ, kif appena spjegat.

33. Jonqos li jiġi trattat it-tielet aggravju tas-soċjetà konvenuta, dak dwar il-likwidazzjoni tad-danni u l-imgħaxijiet. Is-soċjetà konvenuta appellanti tispjega li hija ma kkontestatx il-grad ta' diżabilità li ġarrab l-attur u ma talbitx il-ħatra ta' periti addizzjonali. L-ilmenti tas-soċjetà konvenuta appellanti taħt dan l-aggravju jinqasmu fi tlieta: (i) li l-Ewwel Qorti ħadmet il-kalkoli tagħha fuq l-ammont gross u mhux nett; (ii) l-Ewwel Qorti ma tatx perċentwal ta' tnaqqis meta kunsidrata s-somma kapitali likwidata favur l-attur, kellha tingħata *lump sum reduction* ta' 20%; u (iii) li l-Ewwel Qorti mponiet imgħaxijiet mid-data meta l-attur għalaq il-provi tiegħu, billi riedet timponi fuqha forma ta' penalizzazzjoni ta' dewmien, meta kien hemm diversi fatturi li hija ma kellhiex kontroll fuqhom. Lanqas jista' jingħad li kien hemm xi dewmien bla kont sabiex tostakola l-andament tal-kawża. Kwindi l-Ewwel Qorti marret kontra l-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora.*

34. Dwar l-ewwel punt fit-tielet aggravju, id-dħul tal-attur appellat, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ta' din il-Qorti, it-telf ta' qligħ għandu jinħadem fuq id-dħul gross tas-salarju (ara fost ħafna oħrajn **Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et** deċiża minn din il-Qorti fit-22 ta' Ġunju, 2022, **Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited** deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2021, u **Kerstin Sant v. Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited** deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2021).

35. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza riċenti tagħha tal-15 ta' Ġunju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet **Trevor Grech v. Lawrence Agius:**

> "*Kif ġie mfisser mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza Carmela Muscat pro et noe v. Francis Schembri et deċiża fis-27 ta' Jannar, 1972), xogħol il-Qorti huwa li tillikwida d-danni għat-telf ta' qligħ futur u:*
>
> *"mhux tagħmilha ta' speċi ta' tax collector, bir-riżultat li tiffavorixxi d-debitur tad-danni u taggrava lid-danneġġata, inkwantu l-ewwel wieħed jiġi jħallas inqas milli għandu proprjament jiġi likwidat u t-tieni wieħed, għall-bżonn, ikun irid jerġa' jaraha mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, bil-possibilità li jkun ġie qiesu ħallas it-taxxa darbtejn, darba lid-debitur u darba oħra, fuq is-somma ġia minorata, lill-Gvern. Fi kwalunkwe każ l-income tax għandha titħallas lill-Gvern u mhux lid-debituri ta' obbligazzjonijiet ċivili u l-kalkolu tagħha jista' jiddependi fuq diversi ċirkostanzi, fir-rapport intern bejn il-Gvern u d-danneġġat, li l-Qorti ma tkunx taf xejn fuqhom u għalhekk il-Qorti lanqas ma għandha biss tesprimi opinjoni, fuq ħaġa li mhix ta' kompetenza tagħha."*

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan. Isegwi li l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti fil-likwidazzjoni ta' danni *lucrum cessans,* li tadotta l-ammont gross kienet waħda ġusta.

36. Fir-rigward tal-*lump sum reduction,* kuntrarjament għal dak li jingħad mis-soċjetà konvenuta appellanti, l-Ewwel Qorti adottat riduzzjoni ta' 2%, kunsidrat it-trapass ta' żmien oltre minn sentejn minn meta tkun infetħet il-kawża odjerna. Il-kunċett ta' *lump sum reduction* fil-likwidazzjoni ta' danni *lucrum cessans* jiġi adottat peress li l-attur ikun qiegħed jieħu bil-quddiem il-qligħ li kieku ma kienx għall-inċident li seħħ, li kien ser jieħu fil-ġejjieni. Isir it-tnaqqis mis-somma likwidata minħabba l-fatt li jkun ser isir ħlas f'daqqa. Madankollu, huwa miżmum ukoll fil-ġurisprudenza, li l-perċentwal ta' għoxrin fil-mija jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża iddum biex tiġi deċiża (ara **Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et** deċiża minn din il-Qorti fit-22 ta' Ġunju, 2022, **Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et** fis-6 ta' Ottubru, 2020, kif ukoll is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **John Muscat v. Camray Limited et** ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju, 2020).

37. Isegwi li r-raġunament tas-soċjetà konvenuta appellanti m'għandux mis-sewwa. Fil-fatt fil-kawża fl-ismijiet **Farrugia v. Gatt et** appena ċitata, ġie spjegat illi r-raġuni għalfejn issir din ir-riduzzjoni hija sabiex ittaffi l-iżvantaġġ illi jikkawża l-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora*, b'applikazzjoni ta' liema f'każijiet bħal dawn, l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data tal-intavolar tal-azzjoni. Kunsidrat li s-sentenza finali ser tingħata fi żmien ta' ftit aktar minn għaxar snin minn meta nfetħet il-kawża fl-2013, u kunsidrat ukoll li kien hemm xi dewmien imputabbli lill-istess soċjetà konvenuta, b'mod partikolari n-numru ta'

seduti fejn is-soċjetà appellanti ma dehritx jew ma ressqitx provi, kif ukoll id-diffikulta riskontrata mill-attur sabiex iressaq lid-direttur Raymond Bugeja sabiex jixhed in kontroeżami, tqis li jkun xieraq li jiġi skartat għal kollox il-perċentwal ta' 2% tnaqqis adottat mill-Ewwel Qorti, sabiex jirrifletti sew il-prinċipji hawn fuq enunċjati.

38. B'hekk l-ammont li għandu jiġi likwidat favur l-attur appellat għat-telf ta' qligħ futur minħabba d-debilità permanenti mġarrba minnu huwa:

> €29,067.44 (paga grossa) x 25 (multiplier) x 75% (diżabilità) = €545,014.50 x 70% (responsabbiltà tas-soċjetà konvenuta wara li ġie determinat permezz ta' din is-sentenza li l-attur għandu jġorr 30% tar-responsabbiltà) = €381,510.15. Din il-Qorti għalhekk tiddisponi minn dan it-tielet aggravju billi tiddikjara li l-ammont dovut lill-attur appellat huwa dak ta' €381,510.15.

39. Dan iwassal għall-kwistjoni tal-imgħax akkordat mill-Ewwel Qorti. Kunsidrat dak li appena ngħad fil-paragrafi preċedenti, din il-Qorti jidhrilha li dan għandu jitlaq mid-data tas-sentenza appellata. Jitqies bix-xieraq li tintlaqa' din l-aħħar parti mit-tielet aggravju tas-soċjetà konvenuta appellanti, fis-sens li l-imgħax jiskatta b'effett mid-data tal-ewwel sentenza sakemm jitwettaq il-ħlas kollu. Fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Turner et v. Francis Agius et** fit-28 ta' Novembru, 2003, ingħad li l-imgħax kellu jgħaddi mid-data tal-ewwel

sentenza, peress li f'dak il-mument il-konvenut kellu ħjiel taċ-ċifri involuti, iżda kien naqas milli jiddepożita xi parti mill-ammont ta' danni sabiex jeżimi ruħu mir-responsabbilità. Dan il-prinċipju jibqa' jgħodd minkejja li f'din is-sentenza l-attur ġie akkollat parti mir-responsabbiltà għall-akkadut.

40. Fir-rigward tal-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li, kunsidrat id-dewmien li għalih kienet taħti s-soċjetà konvenuta appellanti, ikun xieraq li l-imgħax jiddekorri mid-data li l-attur għalaq il-provi tiegħu, kunsidrat il-fatt li permezz ta' din is-sentenza qiegħed jitnaqqas kompletament il-perċentwal ta' *lump sum reduction,* jitqies li dan huwa provvediment biżżejjed sabiex jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet proċedurali tas-soċjetà konvenuta u għalhekk ma hemmx lok li jittieħed provvediment ulterjuri. Għalhekk ser jintlaqa' parti mit-tielet aggravju sabiex l-imgħax minflok jibda jiskatta mid-data tal-ewwel sentenza.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tas-soċjetà konvenuta appellanti limitatament u għalhekk qiegħda tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tiddikjara li filwaqt li l-attur appellant għandu jġorr tletin fil-mija (30%) tar-responsabbilità għall-inċident li seħħ fis-6 ta' April, 2012, mentri s-soċjetà konvenuta appellanti għandha ġġorr sebgħin fil-mija (70%) tar-responsabbilità tal-inċident.

Tilqa' limitatment l-aggravju tas-soċjetà konvenuta appellanti, u għaldaqstant għar-raġunijiet imfissra qabel, tillikwida favur l-attur l-ammont ta' tliet mija wieħed u tmenin elf, ħames mija u għaxar ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€381,510.15) bħala danni;

Tikkundanna lill-istess soċjetà konvenuta appellanti sabiex tħallas dan l-ammont hekk likwidat;

Bl-imgħax legali jitħallas mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Fir-rigward tal-ispejjeż taż-żewġ gradi, jitħallsu inkwantu għall-perċentwal ta' sebgħin fil-mija (70%) mis-soċjetà konvenuta Ta' Mattew Fish Farms Limited u l-perċentwal ta' tletin fil-mija (30%) jitħallas mill-attur appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da